ISSUE 16
27/03/2020

COVID-19
INFO PAGE




## KIF SE JAĦDMU L-MIŻURI L-ĠODDA

Tħabbru iktar dettalji dwar il-miżuri l-ġodda li daħlu fis-seħħ **bil-għan li pajjiżna jnaqqas ir-riskju li nies vulnerabbli jimirdu bil-Coronavirus**. B'seħħ minn **għada s-Sibt 28 ta' Marzu 2020**, persuni ta' **aktar minn 65 sena kif ukoll persuni b'mard kroniku (li d-dettalji tagħhom diġà tħabbru) għandhom jibqgħu miġbura fid-djar tagħhom**. **Eżenzjonijiet japplikaw** għal meta hu **neċessarju** li joħorġu biex jattendu **appuntamenti mediċi**, **jixtru ikel** u **mediċinali**, u **jattendu ħtiġijiet personali li huma assolutament essenzjali**. Fil-ħin li toħroġ barra mid-dar tagħha għar-raġunijiet imsemmija, persuna vulnerabbli għandha tassigura li **ma ddumx aktar milli meħtieġ u li tobdi d-direttivi dwar 'social distancing'**. Persuni vulnerabbli li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa u dawk li huma f'pożizzjonijiet ta' tmexxija f'oqsma essenzjali **huma kompletament eżentati minn din il-miżura**. Nies li jgħixu fl-istess dar ma' nies vulnerabbli jistgħu jmorru **biss ix-xogħol**, jagħmlu **xiri essenzjali**, jattendu għal **appuntamenti mediċi** u jeżerċitaw **l-aċċess favur uliedhom skont ordni ta' Qorti kompetenti**.



## PREPARAMENTI GĦADDEJJIN B'SAĦĦITHOM

Minkejja li n-numru ta' każijiet pożittivi għall-Coronavirus fl-aħħar jumejn kien inqas mill-ġranet ta' qabel, din l-epidemija **għadha fi stadju bikri u l-awtoritajiet tas-saħħa qed ikomplu jieħdu l-miżuri b'mod gradwali**. Id-deċiżjonijiet qed jittieħdu abbażi tal-evidenza kemm fuq dak li qed jiġri barra minn Malta kif ukoll fuq studji tal-epidemiji li huma statistikament sinifikanti. L-għan huwa li **s-servizz tas-saħħa jkun dejjem jista' jlaħħaq mad-domanda**. Għalhekk il-Gvern **qed iżid il-kapaċità fil-qasam tas-saħħa, inkluż fil-gżira Għawdxija**, fejn flimkien ma' Steward Healthcare qed jagħmel il-preparamenti kollha biex **Għawdex ikun lest għal kull eventwalità**. Is-sodod tal-ITU se jitilgħu **minn 2 għal 20**, filwaqt li se jkun hemm **120 sodda ddedikati għal pazjenti tal-Covid-19**.



## KAŻIJIET ĠODDA

**5 kienu l-każijiet ġodda ta' Covid-19**, b'każ wieħed marbut ma' safar u 4 marbuta ma' trażmissjoni lokali li kulma jmur qed tkun il-kaġun tal-firxa tal-virus. Il-każi ġodda nqabdu hekk kif komplew jirrankaw is-swabs fit-3 ċentri f'Malta u ieħor f'Għawdex, tant li fl-aħħar 24 siegħa saru **432 swab għal total ta' 4,662**. Ras għal ras, Malta qed tagħmel **fost l-akbar għadd ta' swabs fl-Ewropa**. B'kollox issa hemm **32 pazjent bil-Covid-19 f'Mater Dei u sptar privat u l-bqija f'iżolament obbligatorju f'darhom**. L-anzjan ta' 61 sena li kien fl-ITU **mistenni joħroġ mit-taqsima billi huwa stabbli**. It-total ta' nies pożittivi għall-Covid-19 huwa ta' **139**.




## MAGĦLUQA MIT-TNEJN LI ĠEJ

Minn nhar it-Tnejn li ġej, **it-8 ċentri ta' servizz.gov**, **id-19-il uffiċċju distrettwali tas-Sigurtà Soċjali f'Malta u f'Għawdex** u **l-Uffiċċju tal-Customer Care tat-Taxxa f'Għawdex ser jingħalqu għall-pubbliku bħala prekawzjoni kontra l-Covid-19**. Wieħed xorta jista' jċempel fuq **Freephone 153 għal assistenza minn servizz.gov** jew inkella fuq is-sit elettroniku **www.servizz.gov.mt** u b'ittra elettronika lil **servizz@gov.mt**. Għal min irid jinqeda **mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali hemm il-helpline 25903000** jew billi jidħol f'**www.socialsecurity.gov.mt u juża MyServices**. Għal appuntament virtwali ma' esperti tat-taxxa u sigurtà soċjali, wieħed għandu jċempel **153 biex l-appuntament isir permezz ta' telefonata b'video**.



## ĦTOSSOK WAĦDEK? ĊEMPEL 1772

Tnieda l-helpline **1772** għal dawk li **jħossuhom waħedhom**, **iżolati jew iridu jgħidu kelma**. Il-1772 se jkun qed jaħdem **24 siegħa kuljum** u għadd ta' **professjonisti** se jkunu qed ikellmu lil **dawk li qed iħossuhom waħedhom aktar mis-soltu f'dawn iż-żminijiet**. L-għan tal-1772 huwa li kemm jista' jkun **ħadd ma jbati mis-solitudni**, anzi permezz t'aktar solidarjetà u empatija nnaqqsu **kemm jista' jkun effetti psikoloġiċi qawwija**.



## INĦARSU R-REGOLAMENTI

**Żewġ persuni oħra ġew immultati wara li nqabdu jiksru l-kwarantina obbligatorja**. Fl-aħħar 24 siegħa saru **500 spezzjoni**. S'issa ngħataw **35 multa f'aktar minn 4,700 spezzjoni li saru**, anke jekk l-appell jibqa' dak li kulħadd ikun responsabbli u jikkopera mad-direttivi li qed jingħataw. Min-naħa tagħhom l-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb **komplew iħarsu r-regolamenti biex jibqgħu magħluqa**. Fl-aħħar 24 siegħa saru aktar minn **1,080 spezzjoni** f'Malta u f'Għawdex, u **ma nstab l-ebda ksur tal-obbligu tagħhom**. Tista' tirrapporta lil min jabbuża fuq **21692447** jew b'ittra elettronika lil **tourismcovid-19helpline@visitmalta.com**



# HELPLINES

**111** – Għall-persuni li **jħossu sintomi tal-COVID-19** jew jixtieq **iktar informazzjoni**;

**2204 2200** – Għar-residenti Maltin li **nqabdu f'wieħed mill-pajjiżi ta' riskju għoli u jridu jiġu lura Malta**;

**21411 411** – Għall-persuni fi **kwarantina mandatorja** li għandhom bżonn **provvista ta' ikel u mediċini**.

**153** – Għal dawk li jridu **tagħrif** dwar il-miżuri **fil-pakkett finanzjarju** li se jiġu amministrati **mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali**.

**144** – Għal dawk li jridu **tagħrif** dwar il-miżuri **fil-pakkett finanzjarju** li se jiġu amministrati **mill-Malta Enterprise**.

**25981000** – Għal dawk li għandhom **domandi dwar is-settur edukattiv u l-impatt tal-Coronavirus**.

**21692447**– Għal **lukandiera** u **turisti** li għandhom domandi dwar il-miżuri mħabbra.

**25903030** – **Għall-anzjani mingħajr sapport** li għandhom bżonn mediċini, ikliet lesti jew prodotti tal-ikel (frott u ħaxix).

**25469111** – Għal dawk li jaħdmu **fl-industrija tal-gaming**.